**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 27 ta' Gunju, 2016**

Talba Numru: 924/2015JB

Numru: 4

**Ivan Zammit (K.I.: 379768M)**
**ezercjenti l-kummerc bl-isem "Xajen Car Hire"**

***vs***

**Calcedonio sive Donald Attard (K.I.: 302858M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar is-17 ta' Dicembru 2015 li permezz tieghu l-Attur talab li l-Konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' tlitt elef u ghoxrin euro u hamsa u hamsin centezmu (€3,020.55) rapprezentanti danni kagunati fil-vettura EBK879 liema vettura kienet mikrija mill-Attur lill-Konvenut skond ftehim li sar nhar l-14 ta' Mejju 2012. Talab ukoll l-ispejjez u l-imghax;

Ra d-digriet tieghu tal-4 ta' Jannar 2016 (a fol 3) fejn il-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-15 ta' Frar 2016 fil-waqt li nghataw direttivi ghall-ahjar tmexxija tal-kawza;

Ra li l-Konvenut, debitament notifikat (a fol 6) laqa' ghal din l-azzjoni billi nhar id-29 ta' Jannar 2016 ipprezenta risposta (a fol 8) li permezz taghha eccepixxa dan li gej:

1. Illi in linea preliminari n-nullita tat-talba attrici billi t-talba mhijiex cara;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hija preskritta *ai termini* tal-Art. 2148(f) tal-Kap. 16.

Ra l-verbal tas-seduta tat-18 ta' Frar 2016 fejn id-difensur tal-Konvenut irtirat l-ewwel eccezzjoni minnu sollevata;

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi l-kawza odjerna tirrigwarda danni sofferti mill-Attur fuq vettura mikrija lill-Konvenut. Il-Konvenut jilqa' ghal din l-azzjoni billi fl-ewwel lok jghid li t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt u fit-tieni lok qieghed jeccepixxi l-preskrizzjoni.

Ikkunsidra;

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-Attur kien kera l-vettura EBK879 lill-Konvenut nhar l-14 ta' Mejju 2012. Skond l-Attur li xehed bil-procedura tal-affidavit (a fol 15), din kienet ghadha bil-garanzija. Din il-vettura kienet inkriet peress li l-Konvenut kellu incident bil-karozza tieghu u kien kera din il-karozza a spejjez tas-socjeta assikuratrici. Din il-kirja saret bl-intiza cara li ma jista' jsuqha hadd li ghandu anqas minn 21 sena. Jidher li nhar it-18 ta' Mejju 2012, l-Attur gie mgharraf minn martu li rat il-vettura waqt li din kien qed tinstaq b'velocita' eccessiva. Jghid li dak in-nhar stess cempillu iben il-Konvenut u qallu li kien waqaf bil-karozza u din kellha jigi rmunkata. Jghid li dak in-nhar stess kienu nhargu avvizi ta' kontravvenzjonijiet mill-gwardjani lokali minhabba ksur tar-regolamenti tat-traffiku. Jghid li hu ha l-vettura ghat-tiswija ghand l-agent u ftit wara gie mgharraf li l-vettura kienet garrbet hsarat minhabba *engine brakes*. Jghid li hu indirizza lill-Konvenut sabiex imur mieghu ghand l-agent halli jikkonstata l-hsara izda dan irrifjuta. Jghid li ghamel rapport lill-Pulizija u ttiehdu passi. Jghid li iben il-Konvenut ikkonferma mieghu li kien hu li saq il-vettura. L-Attur spjega li l-ispejjez inkorsi jammontaw in kwantu ghal sebghin euro (€70) spejjez ta' rmonk, disa' mija u hamsin euro (€950) spejjez tal-magna fil-waqt li s-somma ta' seba' mitt euro (€700) tirraprezenta l-ispejjez tat-twahhil tal-magna. Jghid li kellu jikri karozza ghall-perjodu li l-vettura *de quo* kienet ghat-tiswija liema kirja swiet elf u tlitt mitt euro (€1,300) u dan mill-21 ta' Mejju 2012 sal-24 ta' Lulju 2014. Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jghid li l-kawza odjerna tirrigwarda danni u mhux kera ta' hwejjeg mobbli u ghalhekk il-preskrizzjoni eccepita ma tapplikax. In kontro-ezami (a fol 45), l-Attur stqarr li l-vettura kienet inharget gdida madwar sena qabel l-incident. Jghid li l-vettura ma kellhiex hsarat ohra.

Mart l-Attur, Lucienne Zammit xehedet bil-procedura tal-affidavit (a fol 36) u stqarret li nhar it-18 ta' Mejju 2012 ghall-habta tas-6pm innutat il-vettura misjuqa minn guvni b'mod traskurat. Tghid li gharrfet b'dan lil zewgha u li ftit tal-hin wara waslet telefonata fejn zewgha gie mgharraf li l-vettura kienet waqfet. Tghid li marret fuq il-post u sabet lil iben il-Konvenut.

Arthur Naudi Manche, li huwa impjegat mal-agent tal-vetturi Kia xehed ukoll bil-procedura tal-affidavit (a fol 36), u stqarr li fil-21 ta' Mejju 2012 kienet dahlet il-vettura *de quo* ghat-tiswija. Minn indagni li ghamlu irrizulta li l-magna kienet sofriet danni meta "*giet irrevjata*

*izjed milli suppost bil-konsegwenza li l-*valves *u l-*piston *habtu ma' xulxin u tfarrak kollox.*" Jghid li l-manifattur gie konsultat fuq talba tal-Attur izda dawn ikkonfermaw il-verzjoni tal-agent. Jghid li l-Attur ipprovda magna ta' sekonda man u din twahhlet minflok il-wahda li garrbet il-hsarat. In kontro-ezami (a fol 52) ix-xhud stqarr li l-vettura *de quo* iddahlet ghat-tiswija fil-21 ta' Mejju 2012 u l-*job card* relattiva inghalqet fl-24 ta' Lulju 2012 u cjoe meta thallsu tax-xogholijiet. Jghid li l-ahhar xoghol fuq il-vettura sehh fit-12 ta' Gunju 2012 imbaghad kellu jsir *road test*, l-aktar l-aktar jumejn wara. Hu spjega wkoll kif isir is-*servicing* tal-vetturi tal-kiri.

Michael Scicluna (a fol 54) xehed li kien hu li rmonka l-vettura *de quo* u li biegh il-magna ta' sekonda man lill-Attur.

David Mangion xehed f'zewg okkazjonijiet (a fol 66 u 68) u stqarr li kien hu li kera vettura lill-Attur wara l-incident. Ma kienx f'qaghda li jipprezenta dokumenti.

Ikkunsidra;

Illi qabel xejn jehtieg li tigi sorvolata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Minn ezami tal-atti processwali jirrizulta li l-kawza tirrigwarda risarciment tad-danni u mhijiex talba ghall-kundanna ghall-hlas ta' kera ta' oggetti mobbli. Isegwi ghalhekk li l-preskrizzjoni eccepita u cjoe dik tal-kiri tal-hwejjeg mobbli ma tapplikax.

Fic-cirkostanzi, din l-eccezzjoni se tigi michuda.

Ikkunsidra;

Sorvolata din l-eccezzjoni, imiss li tigi trattata l-kawza fil-mertu, fid-dawl tal-eccezzjoni li jifdal;

Ikkunsidra;

Illi mill-assjem tal-provi jidher li l-kwistjoni kollha hija ppernjata fuq il-fatt li l-Konvenut, wara li kera vettura minghand l-Attur, liema vettura ma setghetx tinstaq minn xufiera li ghandhom anqas minn 21 sena, halla lil ibnu jsuqha. L-Attur jghid li dan mhux biss ma kienx awtorizzat isuqha imma kkaguna danni li skond ma rrizulta meta l-vettura ttiehdet ghat-tiswija instab li l-vettura kienet giet soggetta ghal hafna *engine brakes*. Huwa sinifikattiv li la l-Konvenut u lanqas ibnu ma xehedu fil-mori tal-proceduri ghad li mill-provi li huma giebu jidher li qeghdin jittentaw jiskreditaw il-provi tal-Attur.

Mhuwiex kontradett li iben il-Konvenut saq il-vettura u li din waqfet bil-hsara kif lanqas mhuwiex kontradett li meta l-vettura ittiehdet ghat-tiswija id-dirigenti tal-agent tal-Kia waslu ghall-konkluzjoni li l-hsara kienet ikkawzata minhabba *engine brakes*. Fic-cirkostanzi, it-talba tirrizulta ppruvata u gjaladarba kien hemm relazzjoni kuntrattwali bejn il-Partijiet, huwa l-Konvenut li jrid jaghmel tajjeb ghad-danni.

Fil-fehma tat-Tribunal madankollu hemm aspett tal-kontroversja li jehtieg ezami aktar approfondit u senjatament il-*quantum* tad-danni reklamati. Issa l-ammont reklamat jinkorpora erba' elementi u cjoe l-ispejjez tal-irmunkar (€70) u tal-magna (€950) li gew ippruvati bl-ircevuti a fol 28; l-ispejjez tal-manodopera (€700) li gew ippruvati bl-ircevuta a fol 30; u l-ispejjez tal-kiri ta' karozza ghall-perjodu li l-vettura *de quo* kienet ghat-tiswija

(€1,300) liema kirja qed jinghad li saret ghal 65 jum u cjoe mill-21 ta' Mejju 2012 sal-24 ta' Lulju 2014. Ghalhekk jidher li l-kirja kienet ta' ghoxrin euro (€20) ghal kull jum.

Issa mix-xhieda ta' Arthur Naudi Manche (a fol 36 u 52) irrizulta li ghad li gie konfermat li l-vettura *de quo* iddahlet ghat-tiswija fil-21 ta' Mejju 2012, l-ahhar xoghol fuq il-vettura sehh fit-12 ta' Gunju 2012 imbaghad kellu jsir *road test*, liema test l-aktar l-aktar kellu jsir jumejn wara. Ghalhekk it-Tribunal iqis li l-ispejjez tal-kirja ghandhom jigu likwidati biss sal-14 ta' Gunju, gurnata meta l-vettura setghet tittiehed lura. Isegwi ghalhekk li s-somma dovuta ghar-rigward tal-kiri tal-vettura ghandu jkun ta' hames mitt euro (€500) u mhux ta' €1300 kif mitlub mill-Attur.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi prevja li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-Konvenut stante li giet irtirata, jichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tieghu sa fejn inkonsistenti ma' dak li se jinghad u konsegwentement jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' elfejn mitejn u ghoxrin euro (€2,220). Spejjez a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*